FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 1 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR ROBERT GREGORY
VS
RYAN MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ryan Micallef ta' 16 il-sena bin Raymond u Reginalda nee Vella imwieled Pieta fit-18 t'Awissu 1985, u residenti Block 1, flat 6, Yacht Marina Appartment, Pieta detentur tal-karta tal-identita numru 0437885M talli fl-14 t'April 2002 ghall-habta ta' nofs il-lejl ta' filghodu mill-fond maghruf bhala Axis Discotheque, Triq San Gorg, Paceville ikkommetta serq ta' handbag li kien jikkontejni oggetti ghad-detriment ta' Letizia Vasallo minn Valletta, liema oggetti jiswew ikta minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn mitejn lira maltin (Lm200), u liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan bi ksur tal-artikolu 261, u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-1 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza b'assorbiment tat-tieni akkuza u wara li rat Art 261, 270 tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin taht is-sorveljanza tal-probation officer Carmen Nygaard.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.